Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**12987/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0244 (NLE)**

**ACP 88**
**COAFR 243**
**COLAC 152**
**COASI 103**
**RELEX 1188**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE fir-rigward tal-adozzjoni ta' Linji Gwida Konġunti għat-twettiq tad-djalogu ta' sħubija previst fl-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Samoa<br>- Adozzjoni |

1. Fl-31 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE dwar l-adozzjoni ta' linji gwida konġunti għat-tmexxija tad-djalogu ta' sħubija skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ST 14345/24 + ADD 1).

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP iddiskuta l-proposta msemmija hawn fuq u laħaq qbil dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-livell tiegħu fl-4 ta' Lulju 2025.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE fir-rigward tal-adozzjoni ta' Linji Gwida Konġunti għat-twettiq tad-djalogu ta' sħubija previst fl-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Samoa, kif jinsab fid-dokumenti ST 11261/25 + ADD 1, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti;

– jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

– jordna li d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri OSAKP-UE, ladarba tiġi adottata, tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali;

– jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.